# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 1 ta' April 2022**

**Avviż numru: 3/2018BS**

**Raymond Grech**

**-vs-**

**Mario Farrugia**

**Il-Qorti;**

**Rat l-avviż tal-attur Raymond Grech illi ppremetta:**

Premess illi l-attur inkariga lill-intimat sabiex iwettaq xogħol ta' siġillar u kisi b'*liquid membrane* s-saqaf tal-planki fi proprjetà tiegħu konsistenti minn garaxx u maħżen fi Triq Marzu 1885, Ta' Kerċem, Għawdex;

ILLI l-intimat naqas milli jagħmel dan ix-xogħol skont l-arti u s-sengħa bil-konsegwenza li f'diversi okkażjonijiet daħlet kwantità kbira ta' ilma tax-xita f'dan il-maħżen u ġew ikkaġunati danni inġenti kemm fil-bini nnifsu u iktar u iktar fil-merkanzija li l-esponenti jkollu maħżuna minn żmien għal żmien f'dan il-maħżen;

ILLI minkejja li ġie interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mill-attur, u jirripara l-ħsarat li hemm fil-proprjetà tal-esponenti, l-intimat baqa' inadempjenti, anzi rrifjuta li jagħmel dan;

**Talab lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Ma għandhiex din il-Qorti tiddikjara li inti nqast milli twettaq ix-xogħol afdat lilek ta' siġillar u kisi b'*liquid membrane* s-saqaf tal-planki fi proprjetà tiegħu konsistenti minn garaxx u maħżen fi Triq Marzu 1885, Ta' Kerċem, Għawdex skont l-arti u s-sengħa;

2. Konsegwentement tiddikjara li inti responsabbli sabiex tagħmel tajjeb għad-danni kollha sofferti mill-attur per konsegwenza ta' dan in-nuqqas tiegħek;

3. Tillikwida dawn id-danni;

4. Tikkundannak tħallas dawn id-danni kif hekk likwidati.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni, li għaliha minn issa msejjaħ.

Bl-ispejjeż inklużi tal-ittra interpellatorja tat-23 ta' Novembru 2017, kontra tiegħek.

Għall-finijiet ta' kompetenza, l-attur jiddikjara li s-somma li hija tqis li għandha titħallas lilu ma teċċedix l-għaxart elef euro (€10,000).

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Mario Farrugia illi eċċepixxa:**

1. ILLI in linea preliminari hemm il-mankanza ta' kompetenza ta' din l Onorabbli Qorti billi kif jidher evidenti mit-talbiet tal-attur huwa qed jitlob il-likwidazzjoni ta' danni allegatament sofferti li għandhom valur inċert, mhux determinat, u ma jirriżultax mill-istess talbiet. Dan kif ġa ġie deċiż minn din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Mejju 2017 fil-kawża: "Jesman Tonna et -vs- Mario Parnis" (Avviż numru 12/2015/JVC);

2. ILLI subordinatament u bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, it-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess attur;

3. ILLI x-xoghol esegwit mill-esponenti sar skont l-arti u s-sengħa;

4. ILLI kien a piena konoxxenza u konsapevolezza tal-attur li x-xogħol li sar ma kienx biex iservi b'mod permanenti, iżda biss għal żmien temporanju billi l-ħsieb tal-attur kien li jibni sular ieħor fuq is-saqaf tal-planki, u għalhekk dak iż-żmien ma riedx li jidħol fi spejjeż ta' bejt jew kontrabejt fuq il-planki. Kien għalhekk li inkariga lill-esponenti biex ikaħħal il-vojt ta' bejn planka u oħra u jissiġilla l-wiċċ ta' bejn planka u oħra bit-tila u l-*liquid membrane*. Fil-fatt dan ix-xogħol serva xitwa sħiħa u sajf sħiħ. Wara li għadda sajf qalil u għamlet l-ewwel xita daħal l-ilma billi kien l-attur li naqas li jagħmel l-manutenzjoni meħtieġa qabel ma jidħol staġun ieħor ta' xita. Kien effett naturali li t-tila qatgħet minn mal-wiċċ tal-planki u l-mili ta' bejn il-planki qata' wkoll xi ftit minħabba l-moviment li jagħmel il-konkos bejn il-kesħa tax-xitwa u sajf jisreġ;

5. ILLI tant li l-attur kien jaf li x-xogħol kien wieħed proviżorju li sa għamel toqob fiċ-ċinta tal-opramorta ċjoè fil-ħajt diviżorju f'nofs kull planka għal fuq il-proprjetà ta' terzi ħalli l-ilma li jaqa' joskula minn dawn it-toqob billi meta saqqaf bil-planki l-attur lanqas ma kien ħaseb għall-ilma tax-xita fejn kellu imur. Dan għamlu wkoll billi l-pjanki la kellhom pendil u lanqas kienu lixxi u għalhekk kienu jżommu wkoll għadajjar tal-ilma. Tant li x-xogħol kien sar sew li għal xitwa sħiħa ma kien daħal ebda ilma *nonstant*e li s-saqaf tal-planki kien baqa' jżomm għadajjar tal-ilma. Kien wara sajf qalil li daħal l ilma wara li l-attur traskura li jerga' jdur dan is-saqaf meta kien wasal biex jgħaddi s-sajf;

6. ILLI l-esponenti m'għandu bl-ebda mod jiġi tenut responsabbli għall-ingress ta' xi ilma li allegatament daħal fil-maħżen billi dan ma kienx dovut għal xi nuqqas ta' professjonalità fix-xogħol li huwa ġie mqabbad jagħmel.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**PRELIMINARI**

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2018, b'referenza għall-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, il-partijiet qablu illi din il-kawża tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif adita;

Rat illi b'digriet tat-3 ta' Diċembru 2019 il-Qorti nnominat lill-Perit Alexei Pace bħala perit tekniku sabiex jieħu konjizzjoni tal-proċess kollu, jaċċedi fuq il-post u jirrelata dwar il-konklużjonijiet tiegħu;

Rat ir-relazzjoni redatta mill-perit tekniku liema relazzjoni ġiet ikkonfermata bil-ġurament fit-13 ta' Jannar 2021;

Rat it-tweġbiet mogħtija mill-perit tekniku in eskussjoni;

Semgħet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum bil-fakoltà konċessa lill-partijiet sabiex jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet finali;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**L-Azzjoni**

Permezz tal-azzjoni odjerna, l-attur qiegħed ifittex li jikseb mill-Qorti dikjarazzjoni illi x-xogħol imwettaq mill-konvenut ma sarx skont is-sena u l-arti. Konsegwentement qiegħed jitlob ukoll kundanna għall-ħlas tad-danni minnu mġarrba bħala riżultat ta' perkolazzjoni ta' ilma.

**Il-Provi**

L-attur huwa s-sid tal-proprjetà bl-isem "Grech House", fi Triq l-10 ta' Marzu 1885, Ta' Kerċem. Din il-proprjetà preżentement hija għolja żewġ sulari konsistenti f'garaxx u sular ieħor direttament fuqu. Il-binja mhijiex abitata u sservi biss bħala maħżen għall-merċa, senjatament tagħmir u tiżjin li jintuża fid-djar, li l-attur ibiegħ mill-ħanut tiegħu.

Ix-xogħol ta' konstruzzjoni fil-binja tlesta fi stat ta' ġebel u saqaf fis-sajf tas-sena 2016. L-attur kellu l-ħsieb illi xi darba jkompli jiżviluppa l-binja

billi jtella' sulari addizzjonali. Għaldaqstant huwa ra li ma jidħolx fi spejjeż żejda in kwantu l-finitura tal-binja.

Mill-provi jirriżulta illi l-bini sar permezz ta' planki. Wara li tlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni, l-attur inkariga lill-konvenut sabiex iwettaq xogħol ta' tikħil tal-fili bejn il-planki biex b'hekk tiġi evitata l-perkolazzjoni tal-ilma minn bejniethom. Meta aċċeda fuq il-post, il-konvenut ra illi t-tikħil waħdu ma kienx sejjer ikun suffiċjenti sabiex iwaqqaf il-perkolazzjoni tal-ilma u għalhekk issuġerixxa li jsir ukoll xogħol ta' *liquid membrane*. L-attur straħ fuq il-parir tal-konvenut u awtorizzah sabiex fuq is-saqaf tal-binja jeżegwixxi x-xogħlijiet neċessarji konsistenti fit-tikħil tal-fili, tqegħid ta' xibka protettiva u kisi b'*liquid membrane*.

Il-konvenut eżegwixxa x-xogħlijiet kollha kif miftiehem. Ix-xogħol tlesta sa Novembru 2016. Ġara però li mal-ewwel xita kien hemm perkolazzjoni ħafifa tal-ilma. L-attur sejjaħ għall-konvenut li spezzjona l-post u ra li kien hemm xi postijiet fis-saqaf li ma ntlaħqux sewwa u baqgħu esposti bil-konsegwenza li daħal l-ilma. Il-konvenut wettaq xogħlijiet rimedjali u in segwitu ma kienx hemm aktar dħul ta' ilma.

Fit-8 ta' Settembru 2017 għamlet maltempata kbira. Robert Galea, iben l-attur, mar fuq il-post u ra li kien daħal kwantità konsiderevoli ta' ilma. L-attur minnufih għarraf lill-konvenut dwar dan.

Irriżulta illi l-perkolazzjoni tal-ilma kienet dovuta għall-fatt illi fil-planki kienu fformaw xi xquq fejn qasam il-kisi. Naturalament, fil-partijiet esposti ma kienx hemm ilqugħ u mal-ewwel xita qawwija wara sajf qalil kien hemm perkolazzjoni massiċċa ta' ilma għal ġewwa l-proprjetà bil-konsegwenza li l-merċa maħżuna fil-proprjetà ġġarrfet.

L-attur jallega illi l-akkadut huwa dovut unikament għall-fatt illi x-xogħol eżegwit mill-konvenut ma sarx skont is-sengħa u l-arti.

Il-konvenut jikkontesta bil-qawwa l-allegazzjonijiet lanċjati mill-attur. Huwa rribatta illi x-xogħol sar skont is-sengħa u l-arti u bl-aħjar mod possibbli. Jgħid però illi meta kien sejjer jeżegwixxi x-xogħol huwa kien għarraf lill-attur illi l-kisi bil-*liquid membrane* u t-tila kien sejjer ikun biss xogħol temporanju. Jgħid u jisħaq illi hu ta l-parir illi jsir kontrabejt għaliex finalment il-kisi ma kienx sejjer ikun biżżejjed sabiex jagħlaq is-

saqaf b'mod permanenti. Spjega illi lill-attur kien għarrfu wkoll illi wara sajf qalil kien sejjer ikun meħtieġ illi l-attur idur il-bejt biex issir manutenzjoni tas-saqaf billi jingħata kisja *roof compound* fejn ikun qasam.

Ġie ampjament imfisser illi l-planki jgawdu minn flessibilità konsiderevoli b'tant illi jiċċaqilqu bl-elementi u ċjoè bis-sħana jespandu u jerġgħu jinxfu bil-kesħa fix-xhur xitwin. Saret il-prova li bejn Novembru 2016 u Settembru 2017 kien hemm avarija konsiderevoli fit-temperaturi. Saret ukoll il-prova illi fit-8 ta' Settembru 2017 kien hemm maltempata ġmielha b'ammont qawwi ta' xita.

L-attur ikkonferma li minn mindu l-konvenut lesta x-xogħlijiet, qatt ma saru ebda xogħlijiet ulterjuri ta' manutenzjoni. Kien biss wara li daħal l-ilma fil-binja illi l-attur applika r-*roof compound* u b'hekk reġa' għalaq il-fili li fformaw bejn il-planki.

Ir-rappreżentanti tal-kumpannija assiguratriċi Gasan Mamo, xehdu illi għalkemm l-attur kien avvanza t-talba tiegħu għal riżarċiment tad-danni taħt il-polza assiguratiriċi li tkoprih, id-danni li rriżultaw ma kinux danni riżarċibbli taħt dik il-polza. Ġie spjegat illi x-xogħol illi kien sar fuq il-planki kien biss xogħol temporanju u manutenzjoni fuq il-bejt ma saritx. Għaldaqstant, billi rriżulta li l-ħsarat imġarrba ma kinux il-kawża tal-maltemp iżda attribwibbli biss għall-istat tas-saqaf u tax-xogħlijiet temporanji li saru fuqu, id-dannu ma kienx kopert bl-assigurazzjoni.

Il-Qorti rat ir-rapporti redatti mill-periti *ex parte* fuq inkarigu tal-partijiet rispettivament. Semgħet ukoll ix-xhieda tal-istess periti dwar dak illi fil-fehma rispettiva tagħhom ikkawża l-perkolazzjoni tal-ilma.

**Ir-relazzjoni teknika**

Fir-relazzjoni tiegħu tat-13 ta' Jannar 2021, il-perit tekniku jgħid illi minn aċċess miżmum fuq il-proprjetà mertu ta' din il-vertenza, ikkonstata illi l-kostruzzjoni hija konsistenti minn ħitan magħmula mill-ġebel tal-franka li fuqhom iserrħu erbgħa u tletin (34) planka tal-konkos. Fuq il-planki ma kienx ingħata kontrabejt iżda l-fili ta' bejn il-planki ntlew u ngħata *liquid membrane* bix-xibka. Il-Perit tekniku osserva illi x-xibka kien fiha wisa' ta' madwar sittax punt ħamsa ċentimentri (16.5ċm) u kienet imqiegħda nofsha fuq ġenb ta' planka u n-nofs l-ieħor fuq il-ġenb tal-planka

sussegwenti. Ix-xibka kienet tidher imqiegħda dlonk it-tul kollu tal-planka kif ukoll mal-irjus fuq iż-żewġ naħat tal-planki.

Fir-rigward tal-mili bejn il-planki, fir-relazzjoni tiegħu il-perit tekniku spjega illi huwa ma setax jara fiex kienet tikkonsisti t-taħlita li biha sar it-tikħil għar-raġuni li l-fili bejn il-planki kienu kollha mgħottija bix-xibka.

Il-Perit tekniku josserva li bejn l-1 ta' Settembru 2016 u s-6 ta' Settembru 2017 kien tkejjel total ta' erba'mija u tnejn u sittin millimetru (462mm) xita fix-Xagħra u erba' mija u tmintax punt tmienja millimetri (418.8mm) xita fix-Xewkija. Żied jgħid illi *"meta tqis li fl-istess perjodu mhux rapportat li daħal ilma minn bejn il-planki huwa test fih innifsu sodisfaċenti fir-rigward tax-xogħol ta' waterproofing hekk kif eżegwit mill-konvenut."*

Il-Perit tekniku jikkonkludi hekk:

> "21) *Illi l-bejt tal-binja in kwistjoni jikkonsisti biss minn planki mingħajr kontrabejt, iżda l-ġonot/fili ta' bejn il-planki ġew imkaħħla u mogħtija liquid waterproofing. Il-ħsarat fil-waterproofing seħħew fl-2017 jiġifieri fis-Sajf tas-sena ta' wara li fiha kienu tlestew ix-xogħolojiet (2016).*
>
> 22) *Illi d-danni sofferti mill-attur fil-maltemp tat-8 ta' Settembru 2017 kienu riżultat ta' ingress ta' ilma tax-xita minn bejn il-planki. Fil-fehma tal-esponent id-dħul tal-ilma kien dovut għan-nuqqas ta' manutenzjoni tal-liquid waterproofing. Huwa paċifiku illi kwalunkwe parti minn binja, li tkun esposta esternament għall-elementi, teħtieġ manutenzjoni regolari biex tkun żgurata li ma tiddeterjorax. In-nuqqas ta' manutenzjoni wassal li jitħallew jiżviluppaw qsim fil-liquid waterproofing li malli għamlet ix-xita l-istess qsim ippermettew l-ilma sabiex jiskula u jinżel fis-sulari ta' taħt. Il-manutenzjoni kienet xi ħaġa essenzjali, iżjed u iżjed meta l-planki tħallew mingħajr kontrabejt iżda fl-istess żmien l-attur qed jaħżen il-merkanzija tiegħu fis-sulari ta' taħt l-imsemmija planki.*
>
> 23) *Il-fatt illi minn meta tlesta x-xogħol (xi żmien matul it-tielet kwart tal-2016) sa meta seħħet il-maltempata tat-8 ta' Settembru 2017, wara li l-bejt kien laqa' fuqu l-ilmijiet tax-xita tax-Xitwa 2016, ma daħalx ilma huwa prova fiha nnifisha li x-xogħol kien sar skont l-arti u s-sengħa.*

24) *Fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni tal-konvenut, l-esponenti jirrimarka li irrelevanti x-xogħol appaltat ikunx wieħed ta' natura temporanja o meno, l-obbligu ta' min jagħmel ix-xogħol dejjem huwa li jimxi skont l-arti u s-sengħa, u l-fatt li x-xogħol huwa temporanju qatt ma tista' tinġieb bħala skuża għal eżekuzzjoni difettuża."*

**Kunsiderazzjonijiet**

Eżaminati l-provi jirriżulta illi minnufih malli tlestiet il-binja, l-attur għażel illi ma jinkorrix spejjeż addizzjonali, spejjeż li sa ċertu punt kienu ser ikunu żejda ġaladarba l-attur kellu l-intenzjoni li jkompli jiżviluppa l-binja billi jibni sulari addizzjonali. Kien għalhekk illi ma sarx il-kontrabejt. Madankollu, l-attur fittex illi jsiru xogħlijiet, anki jekk b'mod temporanju, sabiex tiġi evitata l-perkolazzjoni tal-ilma ġewwa l-binja u konsegwentement tiġi evitata l-ħsara għall-merċa maħżuna fiha.

L-attur stess irrikonoxxa fix-xhieda tiegħu illi wara li l-konvenut lesta x-xogħol ta' tikħil tal-fili bejn il-planki u l-kisi tal-istess bix-xibka u bil-*liquid membrane*, ma daħalx ilma mix-xita li għamlet bejn l-2016 u l-2017. Jirriżulta li għalkemm wara l-ewwel xita tas-sena 2016 kien hemm dħul ta' ilma dan ma kienx minn partijiet li kien ħadem fuqhom il-konvenut.

Il-kwistjoni odjerna hija limitata għall-perkolazzjoni ta' ilma li seħħet wara ħalba xita qawwija f'jum il-Vitorja nhar it-8 ta' Settembru 2017.

Il-kwistjoni odjerna hija qabel xejn waħda tekniku fejn irid jiġi stabbilit jekk il-perkolazzjoni tal-ilma hijiex attribwibbli għal xi nuqqas tal-konvenut. Irid għalhekk jiġi stabbilit jekk il-konvenut mexiex skont is-sengħa u l-arti, fatt dan illi ma jistax ħlief jiġi stabbilit bl-opra tal-perit tekniku inkarigat mill-Qorti sabiex jispezzjona l-proprjetà u x-xogħol imwettaq mill-konvenut.

Il-Qorti ma ssib ebda raġuni li ġġegħelha twarrab fil-ġenb il-konklużjonijiet milħuqa mill-perit tekniku. Dwar il-kunsiderazzjonijiet li l-Qorti għandha tagħti lir-rapport peritali, ġie diversi drabi ribadit illi "*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi <u>prova</u>*

_ta' fatt_ *li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti*."[1] Waqt illi skont l-Artikolu 681 tal-Kap. 12 il-Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapport tekniku jekk dawn imorru kontra l-konvinzjonijiet tagħha, fl-istess waqt il-Qorti ma tistax tiskarata dik ir-relazzjoni b'leġġerezza jew kapriċċ. Il-konklużjoni tal-Qorti dwar ir-relazzjoni u konklużjonijiet tal-espert tagħha trid tkun ben infurmata, anki minn lat tekniku, u msejjsa fuq raġunijiet serjissimi li jqanqlu dubji dwar l-opinjoni teknika sottomessa[2]. Dan ifisser illi l-Qorti tista' tiskarta relazzjoni teknika unikament f'ċirkostanzi fejn tkun konvita li l-konklużjonijiet milħuqa mill-espert tagħha mhumiex ġusti u korretti[3].

Ingħad ukoll illi l-Qorti għandha toqgħod fuq ir-rapport tal-perit maħtur minnha aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx talbet għan-nomina ta' periti addizzjonali[4].

Il-Qorti osservat illi l-partijiet għamlu l-eskussjoni tal-perit tekniku u ħadd mill-partijiet ma talab il-ħatra ta' periti addizzjonali. Dan premess, il-Qorti tqis illi ma hemm ebda raġuni l-għaliex il-Qorti għandha tiskarta l-koklużjonijiet milħuqa mil-perit tekniku. Konsegwentement, sejra tqis ir-relazzjoni teknika bħala prova ta' fatt flimkien mal-provi l-oħra in atti.

Il-konklużjonijiet milħuqa mill-perit tekniku huma ċari. Ebda ħtija ma hija attribwibbli għax-xogħol żvolt mill-konvenut. Il-perit tekniku jagħmilha ċara li l-perkolazzjoni tal-ilma hija dovuta unikament għall-fatt illi ma saritx manutenzjoni għax-xogħol li sar fuq il-planki b'mod temporanju. Kien jispetta lill-attur illi jara li qabel kull xitwa jdur dawra tajba l-bejt u jagħmel fih xogħol ta' manutenzjoni billi japplika *roofing compound* sabiex jassigura li b'hekk jingħalqu dawk il-qsim li jifformaw minn żmien għal żmien bħala konsegwenza tal-moviment termali tal-planki. In-nuqqas tal-attur f'dan ir-rigward huwa wieħed pależi. Huwa l-attur stess illi kkonferma li m'għamel ebda xogħol ta' manutenzjoni fuq is-saqaf wara li l-konvenut lesta x-xogħol. L-attur stess ikkonferma wkoll illi kien biss wara li daħal l-ilma, u allura meta diġà kien tard wisq, illi l-attur dar is-saqaf bir-*roof compound* sabiex jevita aktar dħul ta' ilma. Għal dan in-nuqqas għandu jbati biss l-attur. Żgur illi ma jistax jiġi pretiż mill-

[1] Ara: **Joseph Calleja noe vs John Mifsud**, Qorti tal-Appell, 19 ta' Novembru 2001
[2] Ara: **Philip Grima vs Carmelo Mamo et noe**, Qorti tal-Appell, 29 ta' Mejju 1998
[3] Ara: **Cauchi vs Mercieca**, Qorti tal-Appell, 6 ta' Ottubru 1999; **Saliba vs Farrugia**, Qorti tal-Appell, 28 ta' Jannar 2000
[4] Ara: **Giswarda Bugeja et -vs- Emmanuele Muscat et**, Appell Ċivili, 23 ta' Ġunju 1967

konvenut illi jwettaq xogħol ta' manutenzjoni jekk mhux bl-awtorizzazzjoni tal-attur. Lanqas ma kien id-dover tal-konvenut li jfakkar lill-attur dwar x'kellu jagħmel qabel tidħol ix-xitwa. Mill-atti, partikolarment mir-relazzjoni teknika jirriżulta ppruvat li l-konvenut eżegwixxa x-xogħlijiet skont is-sengħa u l-arti u saħansitra ġibed l-attenzjoni tal-attur għall-fatt li x-xogħol kien wieħed temporanju u li bħala tali kien jirrikjedi xogħol ta' manutenzjoni perjodika sabiex jiġi ppreżervat ix-xogħol u b'hekk jiġi evitat id-dannu. Kif diġà ngħad, l-attur naqas f'dan ir-rigward u għaldaqstant ser ikollu jerfa' l-piż tad-danni li rriżultaw.

**Decide**

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni stante illi din ġiet sorvolta fil-mori tal-kawża;

2. Tilqa' l-eċċezzjonijiet numru tnejn (2), tlieta (3), erbgħa (4), ħamsa (5) u sitta (6);

3. Tiċħad it-talbiet attriċi fl-intier tagħhom.

Tordna lill-attur iħallas l-ispejjeż kollha ta' dan il-proċediment.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur